MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2519/1996/1

**Dennis Tanti**

**Vs**

**Ministru ghall-Izvilupp Socjali u Maurice Zarb Adami f'ismu personali u bhala segretarju permanenti ghall-Ministru ghall-Izvilupp u Tabib Principali tal-Gvern**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi huwa impjegat mal-konvenuti Awtoritajiet u jirrendi s-servizzi specjalizzati fil-qasam tan-nursing u kura;

Premess illi l-attur minhabba n-natura ntrinsika ta' xoghlu, jehtieglu li frekwentement jidhol fl-isptar San Luqa, anke biex jaghti xi *lectures* fil-qasam tan-*nursing* u kif ukoll bhala persuna eletta biex thares l-interessi ta' persuni f'dan il-qasam;

Premess illi l-konvenut Maurice Zarb Adami *attached* bhala segretarju permanenti mal-konvenut Ministru, hareg direttiva u ordni inspjegabbli li l-attur ghandu jkun iskortat minn terzi kull meta jidhol l-isptar San Luqa kemm fil-kapacita ufficjali u privata;

Premess illi din id-direttiva holqot sitwazzjoni umiljanti ghall-attur kif f'ghajnejn l-istudenti li jghallem kif ukoll pazjenti li minn zmien ghal zmien izur;

Premess illi din l-ordni giet abbraccjata, addottata u ratifikata bl-agir taghhom mill-konvenuti awtoritajiet;

Premess illi tali ordni hija ghal kollox abbuziva u rregolari peress li mhux biss teccedi il-poteri konferiti lill-konvenuti awtoritajiet, filwaqt li l-konvenut Maurice Zarb Adami ma ghandu ebda setgha li jaghti ordnijiet u direttivi ta' din ix-xorta;

Premess illi di piu din l-ordni u direttiva tammonta ukoll ghal xorta ta' mizura dixxiplinarja minghajr ma gew segwiti il-formalitajiet u regolamenti stabbiliti mill-ligi u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza.

Premess illi l-konvenuti gew debitament interpellaw u notifikati skond il-ligi permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju, 1996 sabiex jirtiraw id-direttiva sudetta;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tiddikjara li l-ordni u direttiva sudetta moghtija fil-konfront ta' l-attur hija abuziva peress li teccedi l-poteri konferiti lill-konvenuti awtoritajiet u di piu l-konvenut Maurice Zarb Adami ma kellu ebda setgha li johrog tali

direttiva u ordni u aktar hija xorta ta’ mizura dixxiplinarja li giet inflitta minghajr ma gew segwiti l-formalitajiet li tirrikjedi l-ligi ;

2. Sussegwentement tordna lill-konvenuti jew min minnhom jirtiraw din l-ordni u direttiva fi zmien qasir u perentorju taht piena ta’ disprezz lejn l-awtorita’ ta’ din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Lulju, 1996.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet** tal-konvenuti a fol. 9 tal-process fejn eccepixxu:

1. Preliminarjament, l-irritwalita’ tal-proceduri stante n-nuqqas ta’ notifika tac-citazzjoni lill-Avukat Generali skond l-Art 181 B (3) Kap 12.

2. Illi l-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha m’huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni kemm in vista tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 181 B tal-Kap 12 kif ukoll peress illi din l-azzjoni tirrigwarda l-amministrazzjoni ta’ kulljum ta’ Dipartiment tal-Gvern li ma ssirx mill-Ministru.

3. Illi stante li din l-azzjoni hija wahda kontra l-amministrazzjoni ghal thassir ta’ ordni li hija tat, l-Ispizjar Maurice Zarb Adami fil-kwalita personali tieghu m’ghandu l-ebda *locus standi* fiha u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi l-azzjoni li hija wahda ghat-thassir ta’ att amministrattiv fit-termini ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap 12 hija perenta stante t-trapass ta’ aktar minn sitt xhur mindu inghatat u mindu l-attur sar jaf jew seta sar jaf biha u dan fit-termini ta’ l-Artikolu 469 A (3) tal-Kap 12.

5. Illi d-decizjoni sabiex l-attur jkun akkumpanjat meta jidhol fl-Isptar San Luqa kienet taqa’ fil-poteri ta’ l-

amministrazzjoni bhala sid u amministratur ta’ l-Isptar u kienet oggettivament giustifikabbli peress illi ttiehdet bl-iskop illi tassikura li min ma jkunx awtorizzat ma jindahalx fit-trattament tal-pazjenti, ittiehdet abbazi ta’ konsiderazzjonijiet relevanti, u kienet propporzjonata ghall-ghan li ghalih ittiehdet billi kienet tfittex li jsib bilanc bejn l-interess ta’ l-attur li jidhol l-Isptar u l-interess tal-pazjenti li ma jircevux visiti li ma jkunx mitluba.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet.

## Eccezzjonijiet

Dwar l-ewwel eccezzjoni jirrizulta (a fol. 24) li Dr. P. Grech ghall Avukat Generali ta’ ruhu b’notifikat.

Dwar it-tieni eccezzjoni Dr. Abela rrinunzja ghall-azzjoni fil-konfront tal-Ministru tas-Sahha (ara fol. 24).

## FATTI

Fiz-zmien ta’ incident in kwistjoni l-attur kien impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha izda x-xoghol tieghu ma kienx fl-Isptar San Luqa, izda fl-Isptar Boffa. L-attur kien jiffrekwenta l-Isptar San Luqa u f’okkazzjoni minnhom huwa kien ghamel zjara lill pazjent u tah informazzjoni mhux mitluba li kkagunat inkwiet kbir lill pazjent u lill qraba tieghu. Is-Segretarju Permanenti kien ta’ ordni li fiz-zjarat tieghu fl-isptar San Luqa l-attur kellu jkun akkumpanjat minn ufficjal tas-sigurta’ biex jara li l-attur ma jaghmilx vizti lill pazjenti mhux sollecitati. Illum dina l-ordni ma baqghetx in vigore.

**Fit-raba' eccezzjoni** l-konvenuti qed jeccepixxu li din hija azzjoni ghat-thassir ta' att amministrattiv u tinsab perenta stante t-trapass ta' aktar minn sitt xhur mindu nghatat u mindu l-attur sar jaf jew seta' sar jaf biha u dan fit-termini **ta' l-Artikolu 469 A (3) tal-Kap 12.**

Skond l-attur l-ewwel darba li sar jaf "ufficjalment" li kellu jigi eskortat meta jidhol l-isptar kien meta rceva l-ittra (a fol. 157) datata 16 ta' April 1998 Dok DT1 mibghuta lill konsultent tieghu minghand is-Segretarju Permanenti. Meta ltaqa mieghu qabel f'Jannar dan ma kienx tah sodisfazzjoni cioe' ma qallux ghaliex kien hareg l-ordni u ghalhekk ma kienx jaf x'kienet il-posizzjoni tieghu u kif ser jiddefendi ruhhu ghax ma kienx jaf x'kienet il-bazi ta' l-azzjoni li ttiehdet.

Minn naha l-ohra l-konvenuti jsostnu li l-attur sar jaf b'dina d-diretttiva minghand is-security meta hu avvicina l-isptar l-ewwel darba wara li harget l-ordni fl-20 ta' Ottubru, 1995.

Skond l-artikolu 469(A)(3) tal-Kap 12 kawza biex twaqqa' ghemil amministrattiv taht il-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu, cioe' meta l-ghemil amministrattiv ikun *ultra vires* ghal xi raguni imsemmija fis-subartikolu (i sa iv) ghanda ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu nteress isir jaf jew seta jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-ghemil amministrattiv.

Tikkunsidra

Mill-provi rrizulta li l-attur sar jaf b'din l-ordni f'Ottubru 1995 (ara affidavit tieghu a fol. 15 et seq.) meta huwa mar biex jidhol l-Isptar San Luqa u gie avvicinat minn 'Securuty Officer' li hadu ghand is-Superintendent tal-Isptar, Dr. Frank Bartolo, li nfurmah bl-ezistenza ta' din l-ordni. F'din l-okkazzjoni it-Tabib Bartolo ma nfurmahx min kien hareg din l-ordni izda l-attur jghid li ghal habta tal-Milied tal-1995 huwa sar jaf li din l-ordni kienet inghatat mill-konvenut Maurice Zarb Adami li dak iz-zmien kien jokkupa il-kariga ta' Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Izvilupp.

Il-kawza odjerna giet intavolata fis-6 ta’ Awissu 1996. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu l-attur jikkontendi li l-perijodu ta’ dekadenza ghandu jibda jiddekorri mis-16 ta’ April, 1998 (Dok. DT1 fol 157) u cioe’ mid-data tal-ittra mibghuta lill-konsulent legali tieghu mill-konvenut fejn huwa gie ghall-ewwel darba nfurmat ufficjalment u bil-mktub dwar l-ordni jew direttiva li qed jilmenta minnha. Irid jigi rilevat li l-ittra li qed jaghmel referenza ghaliha l-konvenut u li hija mmarkata bhala Dok. DT 1 a fol. 29 tal-process) iggib id-data tal-24 ta’ Gunju 1996 u mhux tas-16 ta’ April 1998 kif qed jikkontendi l-attur.  A fol. 153 tal-process hemm ezebita ittra ohra mibghuta mill-konvenut Zarb Adami lill-konsulent legali tal-attur liema ittra ghandha d-data tas-16 ta’ April 1996. Jista’ jkun li l-attur qed jaghmel referenza ghal din l-ittra ghalkemm huwa ndika s-sena bhala 1998. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti jidrilha li l-Artikolu 469A(3) huwa car meta jghid li l-perijodu ta’ sitt xhur jibda jiddekorri mid-data meta l-attur isir jaf jew seta’ jsir jaf bl-ordni amministrattiva li jkun qed jilmenta minnha. Dan l-Artikolu ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur ghandu jsir jaf. Kieku l-legislatur kellu intenzjoni li dan il-perijodu ta’ sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna li tigi milquta b’ordni amministrattiva tigi nfurmata b’mod ufficjali u bil-miktub certament li dan kien jigi ndikat fl-Artikolu in ezami. Il-ligi ssemmi biss li dan il-perijodu ta’ dekadenza jibda jghodd minn meta l-attur isir jaf jew seta’ jsir jaf u xejn aktar.

Fil-kaz odjern, kif diga’ ntqal aktar il-fuq, gie stabbilit mill-provi, u precizament mix-xhieda ta’ l-attur stess, li huwa sar jaf bl-ordni jew direttiva li qed jilmenta minnha f’Ottubru 1995 u f’Dicembru 1995 sar jaf li din l-ordni giet moghtija mill-konvenut Maurice Zarb Adami.

Inoltre l-attur dejjem setgha jiehu l-azzjoni kontra l-Kap tad-Dipartiment tas Sahha indipendentement  jekk l-attur kienx jaf minn hareg l-ordni jew le. L-attur kien jaf x’kienet l-ordni u kellu l-mezzi bil-ligi biex jattakaha.

Jidher ghalhekk li z-zmien li l-attur kellu biex jitlob stharrig gudizzjarju tad-direttiva amministrattiva mehuda mill-konvenut Maurice Zarb Adami lahaq ghalaq qabel ma

huwa ntavola l-kawza odjerna u ghalhekk ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi milqugha.

**Ultra vires**

Il-Qorti tista tieqaf huwa, izda hi tal-fehma li anke dwar il-mertu, cioe' l-allegazzjoni ta' agir abbusiv u ultra vires fl-ordni moghtija, l-attur m'ghandux ragun.

Il-konvenuti eccepew li d-decizjoni sabiex l-attur jkun akkumpanjat meta jidhol fl-Isptar San Luqa kienet taqa' fil-poteri ta' l-amministrazzjoni bhala sid u amministratur ta' l-Isptar u kienet oggettivament gustifikabbli u intiza biex l-attur ma jkellimx pazjenti b'mod abbuziv.

L-attur qed jikkontendi li meta l-konvenut Segretarju Permanenti ta l-ordni ta' akkumpanjament dina kienet ultra vires il-poteri konferiti lilu bl-appointment tieghu f'dik il-kariga. Tali azzjoni kienet tispetta biss lill Public Service Commission billi dak li kien qed jigi allegat kontra tieghu kien ksur ta' dixxiplina serju. Inoltre fil-kaz ta' ksur ta' dixxiplina inqas serju l-poter li jagixxu skond ir-regolamenti tal PSC huwa konferit biss lill Kap ta' Dipartiment u l-konvenut Zarb Adami ma kienx Kap ta' Dipartiment. L-attur jikkontendi wkoll li hu ma giex notifikat bil-miktub qabel ma ttiehdu l-proceduri dixxiplinarji kontra tieghu u lanqas ma nghata l-opportunita' li jiddefendi ruhhu skond kif jesigu r-regolamenti tal-PSC senjatament Art 25(1).

Tikkunsidra

Dwar il-punt jekk id-direttiva moghtija mill-konvenut kienetx ultra vires il-poteri moghtija lilu fil-kariga tieghu ta' Segretarju Permanenti stante li ma gewx segwiti l-pproceduri *ad hoc* quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, il-Qorti jidrilha li l-ordni moghtija mill-konvenut Maurice Zarb Adami ma kientx tikkonsisti f'azzjoni dixxiplinarja kontra l-attur fil-kwalita' tieghu ta' impjegat fid-Dipartiment tas-Sahha. Mill-provi rrizulta fil-fatt (ara xhieda Dr. Bartolo, P. Miruzzi u M. Zarb Adami) li fiz-zmien meta inghatat l-ordni l-attur ma kienx impjegat fl-Isptar San

Luqa. L-ordni in kwistjoni inghatat fil-konfront ta l'attur fil-kwalita' tieghu ta' cittadin jew individwu ordinarju li jrid jidhol fl-Isptar ta' San Luqa, bhala mizura preventiva. Il-proceduri stabbiliti fl-Avviz Legali 5 tal-1977 ( a fol. 138 et seq.) ghalhekk ma japplikawx ghal l-ghemil amministrattiv li qed jilmenta l-attur stante li l-ordni moghtija mill-konvenut ma kientx azzjoni dixxipplinarja mehuda fil-konfronti tal-attur fi-kwalita' tieghu ta' impjegat fis-servizz pubbliku. Il-konvenut kien qed jagixxi ai termini tal-poteri moghtija lilu mill-Kostituzzjoni fil-kariga tieghu ta' Segretarju Permanenti (Art 92 tal Kostituzzjoni ).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti
u tichad it-talbiet attrici
bl-ispejjez kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------